# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 30 ta' Jannar 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**
**vs**
***Omissis***
**Henry Cassar**
**Richard Cassar**
**Albert Cassar**
**Victor Ferrito**
**Jeremy Cassar**
**Noel Enriquez**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija:

***Omissis***;

**Henry Cassar** detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 69356M;

**Richard Cassar** detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 415057M;

**Albert Cassar** detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 659548M;

**Victor Ferrito** detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 562141M;

**Jeremy Cassar** detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 357275M;

**Noel Enriquez** detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 162585M;

1. Akkuzati *Omissis*, Henry Cassar, Richard Cassar, Albert Cassar,Victor Ferrito u Jeremy Cassar flimkien talli fil-kapacita' taghhom personali u/jew bhala diretturi tal-kumpanija Marsovin Limited, kif ukoll lil Noel Enriquez wahda talli fil-kapacita' tieghu personali u/jew ta' haddiem fl-istess kumpanija, talli nhar id-9 ta' April, 2013, matul il-gurnata, fil-Marsovin Winery, Triq Wills, Rahal Gdid, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni taghhom jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti wegga' gravi Nazzareno Bianchi hekk kif iccertifika Dr Patrick Farrugia, MD. u dan ai termini ta' Art. 226(1)(b), 216 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Akkuzati *Omissis*, Henry Cassar, Richard Cassar, Albert Cassar,Victor Ferrito u Jeremy Cassar wahedhom fil-kapacita' taghhom ta' diretturi tal-kumpanija Marsovin Limited, talli fl-istess zminijiet, u fix-xhur ta' qabel, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu, naqqsu milli jharsu is-sahha u sigurta' tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqqsu milli jiehdu passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta' l-artikoli 6(1)(2)(3) ta' Att 27/2000 Kap 424.

3. Akkuzat Noel Enriquez wahdu talli nhar id-9 ta' April, 2013, fl-istess, lok u cirkostanzi naqas milli jhares s-sahha u s-sigurta' tieghu, kif ukoll tal-persuni li jistghu jigu affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jiehu passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u naqas milli jiehu l-mizuri necessarji sabiex ir-riskji jigu ridotti kemm huwa ragenevolement prattiku u dan ai termini ta' l-artikolu 7(1) ta' Att 27/2000 Kap 424.

4. Akkuzati Omissis, Henry Cassar, Richard Cassar, Albert Cassar,Victor Ferrito u Jeremy Cassar  wahedhom, talli fl-istess data u fix-xhur ta' qabel, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqqsu milli jizguraw

li jiehdu mizuri mehtiega biex jizguraw li l-apparat tax-xoghol ghad-dispozizzjoni tal-haddiema fl-intrapriza u, jew fl-istabbiliment innifsu jkunu adatti ghax-xoghol li jkun se jitwettaq jew addatti kif imiss ghall-iskop u jkunu ser jintuzaw mill-haddiema minghajr perikolu ghas-sigurta' u s-sahha taghhom. Naqqsu wkoll bhala persuni li jhaddmu, illi f'ghazla ta' apparat li jintuza taghtu kaz tal-kundizzjonijiet u l-karatteristici specifici tax-xoghol kif ukoll tal-perikolu li jezistu fl-intrapriza u, jew stabbiliment, b'mod specjali fil-post tax-xoghol, ghas-sigurta' u s-sahha tal-haddiema, u jew kull perikolu addizzjonali li jirrizulta mill-uzu ta' l-apparat in kwistjoni u dan ai termini ta' l-artikoli 3(1)(a)(2) ta' A.L. 282/04 (S.L. 424.30).

5. Akkuzati Omissis, Henry Cassar, Richard Cassar, Albert Cassar,Victor Ferrito u Jeremy Cassar wahedhom, talli fl-istess data u fix-xhur ta' qabel, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqqsu milli jizguraw li apparat tax-xoghol espost ghall-kundizzjonijiet li jikkawzaw deterjorament u li jista' jwassal ghal sitwazzjonijiet ta' perikolu isirulu spezzjonijiet perjodici u meta jkun adatt, testijiet minn persuni kompetenti. Ir-rizultat ta' dawn l-ispezjonijiet ghandhom jigu rregistrati minn min ihaddem u jinzammu ghal perjodu minimu ta' sentejn. Kull record li johrog minn xi spezzjoni ghandu jinzamm hekk li l-Awtorita' tkun tista' tarah meta titlob li taghmel dan u dan ai termini ta' l-artikoli 5(2) ta' A.L. 282/04 (S.L. 424.30).

6. Akkuzati Omissis, Henry Cassar, Richard Cassar, Albert Cassar, Victor Ferrito u Jeremy Cassar wahedhom, talli fl-istess data u fix-xhur ta' qabel, lok u cirkostanzi naqqsu milli jizguraw illi jiehdu mizuri mehtiega biex haddiema jkollhom ghad-dispozizzjoni taghhom informazzjoni adegwata u, meta jkun mehtieg, istruzzjonijiet bil-miktub dwar l-apparat tax-xogol li jintuza f'xogholhom, u dan ai termini ta' l-artikoli 8(1)(2)(3) ta' A.L. 282/2004 (S.L. 424.30).

7. Akkuzati Omissis, Henry Cassar, Richard Cassar, Albert Cassar,Victor Ferrito u Jeremy Cassar wahedhom, talli fl-istess data u fix-xhur ta' qabel, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqqsu milli jizguraw li l-apparat tax-xoghol ikun stallat, lokalizzat u uzat b'tali mod li jkunu ridotti r-riskji lill-utenti ta' l-apparat tax-xoghol kif ukoll ghall-haddiema l-ohra, per ezempju billi jigi zgurat li jkun hemm spazju bizzejjed bejn il-partijiet li jiccaqilqu ta' l-apparat tax-xoghol u dawk fissi jew li jiccaqilqu fl-ambjent tieghu u li l-forom kollha ta' l-energija

u s-sustanzi uzati jew prodotti jkunu jistghu jigu fornuti u, jew imnehhija minghajr perikolu, u kif ukoll li l-apparat tax-xoghol jintuza biss ghal operazzjonijiet u taht kundizzjonijiet li dak l-apparat ikun adatt ghalihom u dan ai termini ta' l-Ewwel Skeda ta' A.L. 282/2004 (S.L. 424.30).

8. Akkuzati Omissis, Henry Cassar, Richard Cassar, Albert Cassar,Victor Ferrito u Jeremy Cassar wahedhom, talli fl-istess data u fix-xhur ta' qabel, lok u cirkostanzi naqqsu bhala persuni li jhaddmu li jizguraw s-Sahha u s-Sigurta' tal-haddiema f'kull zmien u f'kull aspett li ghandu x'jaqsam max-xoghol u jaghmlu arrangamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizazzjoni, kontroll, moniturag u rivista tal-mizuri preventivi u protettivi, waqt li tikkunsidraw n-natura tal-attivitajiet u d-daqs tal-impriza u naqqsu wkoll li jiehdu l-mizuri necessarji ghas-salvagwardja tas-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol, u ghal dan il-ghan ghandu jippreveni riskji fuq il-post tax-xoghol u jipprovdi informazzjoni u tahrig kif mehtieg u dan ai termini ta' artikolu 4 ta' A.L. 36/03 (S.L. 424.18).

9. Akkuzati Omissis, Henry Cassar, Richard Cassar, Albert Cassar,Victor Ferrito u Jeremy Cassar wahedhom, li fl-istess data u fix-xhur ta' qabel, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqqsu illi wara li jikkunsidraw n-natura tal-attivitajiet tal-impriza jidentifikaw l-perikli fuq il-post tax-xoghol u jevitaw riskji ghas-sahha u s-sigurta', jevalwaw dawn ir-riskji li ma jistghux jigu evitati u jikkontrollawhom mill-bidu u jadattaw ix-xoghol ghall-individu. Naqqsu wkoll li jevalwaw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta', fost l-ohrajn l-ghazla tat-taghmir tax-xoghol, il-prassi u l-attivitajiet tax-xoghol, u l-ghazla u t-taghmir tal-postijiet tax-xoghol, kif ukoll il-kapacitajiet tal-haddiema sabiex iwettqu x-xoghol assenjat lilhom minghajr perikli u jizguraw li jsir titjib fil-livell ta' protezzjoni moghtija lill-haddiema fejn jidhlu sahha u sigurta' u dan ai termini ta' l-artikoli 5 u 6 ta' A.L. 36/03 (S.L. 424.18).

10. Akkuzati Omissis, Henry Cassar, Richard Cassar, Albert Cassar, Victor Ferrito u Jeremy Cassar wahedhom, talli fl-istess data u fix-xhur ta' qabel, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqqsu milli jaghtu informazzjoni li tinftiehem u relevanti lill-haddiema u lir-rapprezentanti taghhom dwar ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta' li huma maghrufa minn min ihaddem u jiehdu l-mizuri preventivi u protettivi

mehtiega fejn jidhlu r-riskji kollha identifikati u dan ai termini ta' l-artikolu 12(1) ta' A.L. 36/03 (S.L. 424.18).

11. Akkuzati Omissis, Henry Cassar, Richard Cassar, Albert Cassar, Victor Ferrito u Jeremy Cassar wahedhom, talli fl-istess data u fix-xhur ta' qabel, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqqsu milli jizguraw li kull haddiem jircievi tahrig adegwat fuq is-sahha u s-sigurta' , partikolarment fil-forma ta' informazzjoni u istruzzjonijiet specifici ghall-istazjon tax-xoghol u ghax-xoghol assenjat fil-mument ta' l-ingagg, fil-kaz ta' trasferiment jew bidla fit-tip ta' xoghol, fil-kaz ta' introduzzjoni ta' taghmir tax-xoghol gdid jew bidla fit-taghmir, ma' l-introduzzjoni ta' xi teknologija gdida u ma' l-introduzzjoni ta' prassi tax-xoghol gdida u dan ai termini ta' artikolu 14(1) ta' A.L. 36/03 (S.L. 424.18).

12. Akkuzati Omissis, Henry Cassar, Richard Cassar, Albert Cassar,Victor Ferrito u Jeremy Cassar wahedhom, talli fl-istess data u fix-xhur ta' qabel, lok u cirkostanzi naqqsu milli jipprovdu u jizguraw li jkun hemm taht il-kontroll taghhom fil-hinijiet kollha sinjali ta' sahha u, jew ta' sigurta' kif imiss u xierqa, u f'dawk il-kazijiet kollha fejn il-perikolu ma jistax jigi evitat jew adegwatament imnaqqas b'teknikalitajiet ghall-harsien kollettiv jew b'mizuri, metodi jew proceduri li jintuzaw fl-organizazzjoni tax-xoghol jew fejn ir-riskji li jirrizultaw minn dawn il-perikoli ma jistghux jigu mnaqqsa adegwatament hlief permezz ta' twahhil ta' sinjali xierqa u dan ai termini ta' l-artikolu 4(1) ta' A.L. 45/2002. (S.L. 424.16).

13. Akkuzati Omissis, Henry Cassar, Richard Cassar, Albert Cassar,Victor Ferrito u Jeremy Cassar wahedhom, talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi fil-kapacita' taghhom ta' persuni li jhaddmu naqqsu li jizguraw li kull taghmir protettiv personali jkun ihares id-dispozizzjonijiet specifikata fi Skeda 2 ta' l-Ordni u jizguraw li fejn hemm il-prezenza ta' aktar minn riskju wiehed tehtieg li haddiem jilbes fl-sitess hin aktar minn oggett wiehed ta' taghmir protettiv personali, dak l-apparat ikun kumpattibbli u li jibqa' jkun effettiv kontra r-riskju jew riskji involuti. Naqqsu wkoll li jistabilixxu l-kundizzjonijiet ta' uzu ta' tghmri protettiv personali, b'mod partikolari ghal kemm hin ghandu jintlibes, skond il-bazi tas-serjeta' tar-riskju, il-frekwenza ta' kemm bniedem ikun espost ghar-riskju, il-karatteristici tal-post tax-xoghol ta' kull haddiem u l-operazzjoni tat-taghmir

protettiv personali u jizguraw ukoll li jekk ic-cirkostanzi jiehtiegu li taghmir protettiv personali jintlibes minn aktar minn persuna wahda jiehu l-mizuri kollha xierqa sabiex jizgura li dan l-uzu ma johloq ebda problema ta' sahha jew igjeneghall-utenti differenti. Naqqsu li jizguraw li dan it-taghmir jinghata minghajr ebda hlas minn min ihaddem u jizguraw li dan it-taghmir ikun jiffunzjona tajjeb u jkun f'kundizzjoni igjenika tajba permezz tal-manutenzjoni, it-tiswija u t-tibdil ta' bicciet mehtiega. Naqqsu milli jaraw li qabel haddiem juza taghmir protettiv eprsonali javzawh dwar ir-riskji li t-taghmir ikun qed iharsu kontriehom. Naqqsu wkoll li jizguraw li jigi kkonsultat ir-Rapprezentant ghas-Sahha u s-Sigurta' tal-Haddiema u dan ai termini ta l-artikoli 4,5,6,7,8,10 (1)(2), 11 u 17 ta' l-A.L. 121/03 (S.L. 424.21).

14. Lil Richard Cassar u Omissis wahedhom talli irrendew ruhhom ricedivi ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huma kienu diga' gew misjuba hatja permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jinstema bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma llum gie konfermat lill-Qorti li l-parte civile gie risarcit ghad-danni minnu sofferti u li ma baqalux interess fil-proceduri odjerni.

Rat li l-prosekuzzjoni rtirat kull imputazzjoni fil-konfront ta'l-imputat Victor Ferrito.

Rat li kull wiehed mill-imputati l-ohra ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi l-prosekuzzjoni rtirat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Victor Ferrito; il-procediment fil-konfront tieghu ghalhekk huwa ezawriet.

Illi kull wiehed mill-imputati l-ohra ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dwan ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom kull wiehed mill-imputati qed jinstab hati u l-fedina penali taghhom. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li l-parte civile gia gie risarcit ghad-danni li soffra, u x'kontribuzzjoni setgha ta l-parte leza ghall-incident mertu ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fic-citazzjoni.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti:

Fil-waqt li tiddikjara l-procediment ezawriet fir-rigward ta'l-imputat **Victor Ferrito** stante li l-imputazzjonijiet fil-konfornt tieghu gew irtirati;

Wara li rat l-artikoli 49, 50 u 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 6(1)(2)(3) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ir-regolamenti 3(1)(a)(2), 5(2), 8(1)(2)(3), u l-ewwel Skeda ta'l-Avviz Legali 282 tas-sena 2004, ir-regolamenti 4, 5, 6, 12(1), u 14(1) ta'l-Avviz Legali u r 36 tas-sena 2003, u r-regolament 4(1) ta'l-Avviz Legali 45 tas-sena 2002, u r-regolamenti 4, 5, 6, 7, 8, 10(1)(2), 11 u 17 ta'l-Avviz Legali 121 tas-sena 200,3 fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Richard Cassar** hati ta'l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu[1] u tikkundannah multa ta' elf Euro (€1,000).

Wara li rat l-artikolu 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l- l-artikolu 6(1)(2)(3) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ir-regolamenti 3(1)(a)(2), 5(2), 8(1)(2)(3), u l-ewwel Skeda ta'l-Avviz Legali 282 tas-sena 2004, ir-regolamenti 4, 5, 6, 12(1), u 14(1) ta'l-Avviz Legali u r 36 tas-sena 2003, u r-regolament 4(1) ta'l-Avviz Legali 45 tas-sena 2002, u r-regolamenti 4, 5, 6, 7, 8, 10(1)(2), 11 u 17 ta'l-Avviz Legali 121 tas-sena 2003, fuq ammissjoni ssib lill-imputati **Henry Cassar, Albert Cassar u Jeremy Cassar** hatja ta'l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom[2] u tikkundannahom multa ta' elf Euro (€1,000) kull wiehed.

Wara li rat l-artikolu 7(1) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Noel Enriquez** hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu[3] u tikkundannah multa ta' hames mitt Euro (€500).

---

[1] L-imputazzjonijiet kollha dedotti fic-citazzjoni hlif ghat-tielet wahda.
[2] L-imputazzjonijiet kollha dedotti fic-citazzjoni hlif ghat-tielet u ghall-erbatax il-wahda.
[3] It-tielet imputazzjoni dedotta fic-citazzjoni.

In konkluzzjoni u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lil kull wiehed mill-imputati **Henry Cassar, Richard Cassar, Albert Cassar u Jeremy Cassar** biex ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' tlett mija hamsa u sittin Euro (€365.00) u qed tordna ukoll lill-imputat **Noel Enriquez** biex ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' mija sebgha u seghin Euro u erbgha centezmi (€177.04) liema ammonti jirrapprezentaw spejjez rinkorsi mal-hatra ta' esperti.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**